*"Fil-Lsien Malti l-ġieh tan-Nazzjon Maltija"*

IT-TIELET KTIEB
TAT-TMINTAX-IL SENA

SETTEMBRU
1942

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

**Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"**

KULL TLIET XHUR

## X'FIH DAN IL-GĦADD

| | |
|---|---|
| Eżamijiet | Editorjal |
| *Inħobbok* | Dun Karm |
| *George Cross* | Ġ. Galea, M.D., D.P.H. |
| *Għassa tal-Għadu* | A. Cremona |
| Meta ikun miktub | Vic. Apap |
| *Għad terġa' tqum* | Ġ. Chetcuti |
| *Quotidie morior* | G. M. De Caro |
| Bibljografija | |

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | SETTEMBRU 1942

# EŻAMIJIET

DAN l-aħħar ħadna sehem bħala Eżaminaturi f'wieħed mill-ogħla eżamijiet tal-Gżira u sogħbiena mhux ftit għal għadd kbir ta' studenti li weħlu f'dak l-eżami. Billi aħna konna Eżaminaturi tal-Malti nitkellmu fuq dan is-suġġett.

Il-karti ta' l-eżami ma kinux tqal iżda ħafna studenti weħlu. X'kienet il-ħtija? Tassew li ż-żminijiet mwiegħra li għaddejjin minnhom ifixklu ħafna l-istudenti u jtellfuhom mhux ftit mill-ġabra li tinħtiġilhom għall-eżami, iżda l-ħtija bosta drabi għandna nfittxuha fl-istudenti nfushom u wkoll f'dawk li jgħallmuhom.

L-ISTUDENTI ħafna drabi jersqu għall-eżami bla thejjija ta' xejn, huma ma jiqisux li biex tgħaddi mill-eżami trid tkun imhejji għalih. Tisma' x'uħud igħidulek: "Jiena nersaq għall-eżami, jekk ngħaddi tajjeb, jekk ma ngħaddix ma jkun ġara xejn!" Min jersaq għall-eżami b'din il-fehma f'moħħu jista' jgħodd ruħu li jeħel żgur għax din il-fehma traqqadlu kull ħeġġa biex iħabrek ħalli jgħaddi. Issib studenti oħra li jgħoddu l-Malti bħala wieħed mis-suġġetti ta' ħtieġa żgħira u jistudjawh biss biex igħaddu minnu; dawn ikollhom f'moħħom li jitgħallmu fuq fuq xi erba' reguli tal-Grammatika biex jinqdew bihom biss sakemm igħaddu mill-eżami u ma jfittxu xejn li dak li jitgħallmu

jibqa' jiswielhom għal ħajjithom kollha. Min jistudja l-Malti biex jiżloq minnu biss aktarx li ma jgħaddix mill-eżami għax ma jħossx dik il-ħrara li ġġagħlu jikseb tagħrif sewwa fuq ilsienna. Hemm ħafna studenti oħra li neqsin wisq mill-qari tal-Malti; malli taqra l-komponimenti tagħhom malajr tagħraf li huma qatt ma fetħu ktieb bil-Malti; dawn jiġrilhom bħal dak l-imgħallem li jrid jagħmel biċċa xogħol bla ma jkollu mudell tagħha; toħroġlu ħmerija bħal ma toħroġ taċ-ċajt kull kitba bil-Malti ta' studenti li qatt ma qraw kotba bil-Malti.

Is-SURMASTRIJIET wkoll xi drabi jaħtu. Ħafna minnhom ma għandhomx ħjiel sewwa tal-Malti. Xi Surmastrijiet qatt ma studjaw il-Malti kif imiss, dak li jafu fuq dan l-ilsien tgħallmuh fuq fuq u bla ħajra ta' xejn, issib Surmastrijiet oħra li ma nafux għaliex ma jagħtux dik l-impurtanza meħtieġa għall-istudju ta' ilsienna, tarahom iwarrbuh u jħalluh għal wara suġġetti oħra qisu ħaġa ta' bla siwi bla ma jġibu quddiem moħħhom li l-istudenti biex jibdew il-kors jeħtiġilhom igħaddu mill-Malti daqs kemm iridu jgħaddu minn suġġetti oħra. Studenti mmexxijin minn Surmastrijiet bħal dawn x'tistenna minnhom? Tistenna li jeħlu! Min jindaħal biex igħallem il-Malti jeħtieġ li jkollu ħjiel tajjeb tal-Grammatika, jeħtieġlu jkun imħarreġ fil-Letteratura Maltija kif wkoll jiswielu li jkollu xi tagħrif dwar il-Filoloġija ta' ilsienna. Is-surmastrijiet imisshom jifmuha li ma jindaħlux biex ihejju f'suġġetti li ma jinqalgħux għalihom; jekk jagħmlu hekk ikunu qegħdin igħalltu l-istudenti u ħafna drabi wkoll jistgħu jitilfulhom il-karriera tagħhom.

# INĦOBBOK *

*Dawn il-versi m'humiex iddedikati lil dawk iż-żgħażagħ li fl-imħabba ma jifhmux ħlief il-pjaċir tas-sensi.*

Staqsejtek jekk tħobbnix: xejn ma weġibtni:
biss ġewwa ħbub għajnejk minn iewn is-sema
rajt bħal xrara tan-nar tixgħel u taħrab.
Ma fhimtx, u bqajt nistenna
jekk ewwilla tiġix xi siegħa ħelwa
li tagħtini t-tweġiba.

*

Darba ġô ħsiebi
ħassejt bħal sejf tan-nar ìx-xewqa tiegħek.
Ġrejt għandek, sibtek,
u bħal tallab li jitlob ħajtu f'loqma,
tlabtek xhieda ta' mħabbtek.
Ħelwa u ratba
għaddiet idek fuq idi, iżda minn fommok
ma ħarġetx kelma,
u jekk tbissima deħret
tilgħab fuq wiċċek
ma stajtx nifhem xi tfisser. B'qalbi mħabbla
ġô xibka ta' tqanqil aħrax, qabbieżi,
jiena rġajt lura sieket,
iżda fi ħsiebi ma ħqartekx, u ġwejjed
bqajt darb'oħra nistenna
jekk ewwilla żżernaqx l-għodwa tal-hena.

*

Kien wara nofs in-nhar, żmien il-ħarifa.
Is-sema kien imgħajjeb
u fewġa kiesħa kiesħa
rajtha tisraq mis-siġar

* Din il-poeżija nqrat ħafna snin ilu lill-imseħbin ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, f'laqgħa li kellhom il-Belt, fl-Università.

l-aħħar werqiet sofor u morda. Jiena
kelli bħal mewt ġô qalbi,
id-dinja dak in-nhar kienet ħaqritni,
xrobt morr bla qjies
u ħadd ma kellu ħniena,
anqas mogħdrija.
Bla ma kont naf x'qed nagħmel,
qbadt it-triq li wasslitni wara biebek,
u dħalt.
Biex ma nidrobx lil qalbek
rażżant lil qalbi,
u bosta drabi d-dmugħ li kien sa jaqbeż
minn xfar għajnejja
reġġajtu lura u fuq xofftejja bojod
sawwart daħka ħafifa
biex nostorlok il-mewt li kelli f'qalbi....
Inti ma kellimtnix imma: ġo ħarsti
tfajt il-ħarsa t'għajnejk, u jien ħassejtha
dieħla taħraq ġô sidri.
Taħt il-libsa rżina
rajt lil sidrek mostur jofrogħ u jimla
bħal ma jagħmel il-baħar,
imbagħ'd fuq spallti
ħassejt ir-rtuba ta' dirgħajk,
fuq ġbini,
ħassejt il-ħewwa ta' xofftejk, u daqqet
kelma f'widnejja li stordietni: NĦOBBOK.

DUN KARM.

## TIFSIR

1. Is-Suġġett tal-Għanja—Żagħżugħ ta' natural tajjeb, iżda ta' fehmiet ftit u xejn imxattra, jitgħallem mill-imġiba għaqlija u meqjusa ta' xebba rżina, mrobbija tajjeb f'dar ommha, li mhux il-pjaċir ħieragħ, anqas il-passjoni għamja ma għandha tkun is-sies ta' l-imħabba bejn raġel u mara, iżda biss il-fehma sħiħa illi, niket u ferħ, tkun waħda x-xorti tat-tnejn fin-nisġa mżewqa tal-ħajja,

2. Il-Psikoloġija tal-Għanja—Fl-ewwel stanza, iż-żagħżugħ jistaqsi lix-xebba—li għandna naħsbu li kien inġibed lejha—*jekk tħobbux*.

Din il-mistoqsija ħergħa kemm tista' tkun: għaliex fl-imħabba bħal fi ħwejjeġ oħra, il-għamil igħodd u mhux il-kliem. Min irid jaf tassew jekk hux maħbub, għandu jgħarrex u josserva l-għamil u l-imġiba ta' l-ieħor u minnhom —minnhom biss—ikun jaf jekk hux m-ħbub inkella le. Għalhekk, għal din il-mistoqsija iż-żagħżugħ twajjeb, iżda li ta' l-imħabba għadu ma fehemx ħlief il-pjaċir ta' kelma ħelwa u ta' xi żegħila, ma jieħu ebda tweġiba, ħlief ħarsa ħafifa bħal berqa li tfisser hekk: ma għalaqtlekx qalbi, iżda iftaħ għajnejk, għax tiġini bi frugħat bħal dawn, tista' tingħalaq.

—Fit-tieni stanza tidħol il-passjoni. Il-passjoni bħan-nar; tista' tiswielek, jekk iżżommha mrażżna, u tinqeda biha biss fejn hu meħtieġ; u tista' tarmik u teqirdek, jekk terħilha l-lġiem.

Meta għat-tieni darba, iż-żagħżugħ mixgħul bix-xewqa tagħha, jitlobha xhieda ta' mħabbitha kif tallab jitlob ħajtu f'loqma, ix-xebba għaqlija tintebah illi hemm fih qawwa moħbija li tista' tisfa f'imħabba kbira, tajba, sabiħa, iżda tintebah ukoll illi l-qalb taż-żagħżugħ ma hix imwieżna mir-raġuni u li dik il-qawwa tista' taħraq u mbagħad tisfa' fix-xejn bħan-nar tat-tiben, jew tal-porvli. Għalhekk, biex turih li hi tifhem u tapprezza x-xewqa kbira li hu għandu ta' mħabbitha, u f'ħin wieħed tagħtih xi t-ma li hu għadu jista' jirbaħha tgħaddi ħelu ħelu, idha fuq idu; iżda kliem xejn, għax għad ma għandhiex biżżejjed fuqhiex torbot, u ma tridx tagħti l-kelma tagħha—kelma sollenni daqs il-ħajja—għal ħaġa li għad ma tafx fis-sħiħ jekk tistax, bla ma titgħajjeb, twegħdhielu.

Iż-żagħżugħ li beda jħoss il-passjoni ta' l-imħabba, iżda għad ma fehemx is-siwi spiritwali tagħha, anqas għadu ma fehem illi mhux il-pjaċir, iżda s-sakrifiċċju huwa s-sies ta' l-imħabba, ma fehemx biżżejjed la ż-żegħila anqas it-tbissima tax-xebba li hu kien jixtieq b'saħħa ta' passjoni. Fehem li hi tagħtu xi ħaġa, iżda mhux daqskemm hu kien jixtieq u kien jistenna: għalhekk qalbu tħabblet f'xibka ta' biża' u ta' tama, ta' qilla u ta' sabar; imma, billi minnu twajjeb u mxejjer għall-paċi, ma għaddilu minn moħħu ebda ħsieb aħrax ta' nkejja, ta' moħqrija, ta' dnewwa; u ġwejjed, baqa' jitma li fl-aħħar tasal it-tweġiba għall-mistoqsija tiegħu: "Jekk dik ix-xebba kinetx tħobbu".

—Fit-tielet stanza ħok il-pjaċir u l-passjoni jidħol in-niket; u n-niket hu qawwa li traqqad il-passjonijiet ħergħa

u tqajjem passjonijiet aktar safja, aktar fejjieda, aktar qaddisa.

Iż-żagħżugħ f'lejla ta' Ottubru, meta n-natura donnha tibki madwarna, isib ruħu mdejjaq u maħqur bla ma jista' jsib faraġ imkien :—aktarx kienet ġiet fuqu xi waħda minn dawk it-taqlibiet li xi drabi jiġu għalgħarrieda fil-ħajja ta' kull wieħed minna. Ma jafx jekk fix-xejra tal-qalb jew bix-xogħol tal-ħsieb, iħoss illi minn dak in-niket tiegħu ħadd ma jista' jkollu ħniena u mogħdrija ħlief qalb li tħobbu. Għalhekk il-ħsieb u l-qalb tefgħuh fejn kellu xi tama li jsib ftit ta' l-imħabba, u fl-imħabba, ħniena u mogħdrija.

Hekk daħlet fih il-fehma t-tajba ta' l-imħabba: il-għaqda fis-sakrifiċċju. Xejn iżjed kliem fieragħ ta' mistoqsijiet boloh; xejn iżjed xewqat ta' tpaxxija tas-sensi! biss sakrifiċċju sieket, xewqa waħda biss li la bi kliemu u anqas b'għamilu ma jwaġġa' l-qalb tax-xebba li issa qed iħoss li jħobbha tassew.

Ix-xebba issa fehmet li ż-żagħżugħ, taħt il-ħakma għaqlija tagħha, kien għadda mit-tliet tarġiet ta' l-imħabba: il-frugħa ta' min iħobb bla ma jitgħabba bil-ħsieb ta' xi tfisser l-imħabba; il-passjoni ta' min iħoss il-pjaċir, ngħidulu hekk barrani ta' l-imħabba, bla ma jaħseb fil-hemm li bosta drabi jissieħeb magħha; il-fehma sħiħa ta' min iħobb biex iħenni lil ħaddieħor, imqar b'sakrifiċċju kbir tiegħu, u hu jithenna bil-hena tal-maħbub li jagħraf imħabbtu, u hekk tkun waħda l-ħajja tat-tnejn fin-niket u fil-ferħ, fis-saħħa u fil-mard sal-mewt u wara.

# GEORGE CROSS

Dom Atty kien magħruf mill-pulizija ta' New York bħala bniedem qalil li jindaħal għal kull xorta ta' ksir il-għonq kien telaq minn Malta mar-ruxxmata Maltin li siefru għall-Amerika wara li spiċċat il-gwerra l-oħra u ntafa' fi New York, iżda billi ma kellux ħajra għax-xogħol, baqa' ma qabad l-ebda lant; kien igħix ħajja mxerrda u għamel sħab ma' xi erbgħa minn nies karfa li f'qasir żmien ħarrġuh fl-irqaqat kollha tal-ħajja bla raj u bla lġiem. Dak iż-żagħżugħ Malti ma damx ma nbidel bħal-lejl min-nhar, nesa 'l niesu, nesa' 'l pajjiżu, tafa' wara spallejh kull rażna u sar imżattat, sar ġellied, rabba arja kbira u ħa bixra ta' wieħed li ma jibża' minn xejn; saħansitra bidel ismu u minn Duminku Attard beda jissejjaħ Dom Atty.

*Żagħżugħ* fuq ruħu, qalbieni, ħafif u b'saħħtu, ma damx ma għamel isem fil-ħwienet tal-baħrin ta' Hoboken u mhux darba jew tnejn ġie fl-idejn man-nies tax-xatt ta' Hudson River u meta jkun xurban kont tarah sejjer għal ġlied mas-Suwed ta' Haarlem.

Fi żmien il-*Prohibition*, Atty qala' flus kemm ried, mexxà bil-moħbi tagħbijiet ta' krietel tal-whiskey, qala' xi żewġ taptipiet, iddobba xi erba' tiri ta' revolver u weħel xi sitt xhur ħabs; imbagħad il-Gvern raġa' ta s-sensja li jinbiegħ ix-xorb lil-ħwienet u Atty sab ruħu bla ħabba u bla xogħol, iżda billi laħaq dara jgħix bl-akkarija ma medd għonqu għal ebda xogħol u baqa' jitlajja u jdabbar rasu kif jista' bin-nhar qalb il-ħwienet, it-trafku u l-istorijiet ta' Broadway u bil lejl qalb id-dawl, il logħob u x-xalar ta' Coney Island.

F'dik il-ħajja tal-għażż u ta' tberbix Dom Atty telaq kollox wara spallejh, hu qatt ma kiteb lil niesu u minn għandhom qajla kienet tasallu xi ittra, iżda wara li bdiet din il-gwerra l-ebda ħbar ma waslitlu minn Malta u hu ma ħabbel rasu b'xejn; kultant kien jisma' t-tfal li jibigħu l-ġur-nali jgħajtu bl-attakki qawwijin tal-għadu fuq Malta u kien jaqra fl-ewwel faċċata tal-gazzetti tifħir għal ħila u qlubija tal-Maltin, iżda għalkemm kien iħoss xi ħaġa tqanqallu demmu hu baqa' dejjem biered u qatt ma mela rasu.

Darba wara nofs in-nhar kif kien jitlajja fl-inħawi ta' Brooklyn, Atty ra ħafna nies deħlin f'bieb kbir, kien sa jibqa' sejjer, iżda waqaf għax lemaħ bandiera Maltija tperper fuq il-bieb u taħtha qara skrizzjoni b'ittri kbar: *Glorifying Malta, the George Cross Island.* Iż-żagħżugħ Malti ħass bħal tqan-

qila ta' ferħ, resaq u staqsa x'kienet il-biċċa. "Idħol isma' fuq il-ħila tal-Maltin ħalli titgħallem minnhom tagħmel dmirek lejn pajjiżek." qaliu wieħed li kien ħdejn il-bieb. "Żagħżugħ bħalek imissek tinkiteb suldat," żied qal raġel ieħor mdaħħal fiż-żmien u b'ħafna medalji tal-gwerra mdendlin fuq sidru.

Dom Atty malajr fehem li dik kienet laqgħa biex bissaħħa ta' Malta jħajru n-nies jidħlu suldati u baqa' bejn ħaltejn jekk jidħolx jew le, iżda isem il-gżira fejn twieled qanqallu xewqa li jkun jaf x'sa jingħad fuqha u ħass xi ħaġa tiġbdu biex jidħol jisma.

Atty daħal, tala' bil-lift u sab ruħu f'sala daqs baħar mimlija bħal bajda bin-nies, mal-ħitan tas-sala kienu mdendlin bandieri ta' l-Ingilterra u ta' l-Amerika u ta' nazzjonijiet oħra mseħbin magħhom, kif wkoll ħafna kitbiet b'tifħir lejn il-Gżira tagħna; fit-tarf tas-sala kien hemm bandiera kbira ta' Malta bil - "*George Cross*" fuqha u bl-"*Union Jack*" u bli "*Stars and Stripes*" kull naħa tagħha; taħt il-bandiera Maltija, fuq pedistall fil-għoli kien hemm mejda b'ħafna mikrofonijiet fuqha u xi nofs tużżana kbarat bil-qiegħda madwarha; f'ġenb tas-sala kien hemm orkestra ddoqq l-Innu Malti.

* * *

Ċapċipa kbira nstemgħet wara l-Innu Malti, imbagħad meta waqa' xi ftit tas-skiet, qam wieħed mill-kbarat li kienu madwar il-mejda u beda jitkellem; beda biex ta xi tagħrif fuq il-Gżira tagħna, tkellem fil-qosor fuq l-Istorja tagħha, tarraf fuq ir-razza tagħna u mbagħad b'leħen għoli u mqanqal minn ħrara li ma bħalha, l-oratur beda jfisser fuq ittwegħir u t-tbatijiet li Malta kienet għaddejja minnhom, wera l-ħila ta' l-irġiel Maltin li taħt xita ta' balal baqgħu jaqdu d-dmerijiet tagħhom u semma l-qlubija tan-nisa li m'inkejja talbiża' kollu qatt ma naqsu li jħabirku għad-dar jew għaxxogħol li ħafna minnhom indaħlu għalih minħabba l-gwerra; saħansitra t-tfal, fost dak il-hemm kollu għamlu sehemhom huma wkoll u bid-daħka ferriħija tagħhom nessew mhux ftit is-swied il-qalb li jaħkem fuq il-Gżira. Malta hija pajjiż żgħir fejn in-nies kollha jafu 'l xulxin jew jiġu minn xulxin u l-hemm li jaqa' fuq bniedem wieħed jolqot ftit jew wisq lil bosta oħrajn u dik il-Gżira ma kenitx nieqsa min-niket u mill-hemm f'dawn l-aħħar sentejn: disgrazzji kuljum u waħda akbar mill-oħra, biża' tal-mewt lejl u nhar, tiġrib kull ħin,

ħsara kull fejn iddawwar għajnejk, qirda ma taqta' xejn. Kull bniedem fil-Gżira ta' Malta jistenna minn ħin għal ieħor li jitlef ħajtu jew jindarab; filgħaxija meta jidlam u fil-għodu meta jisbaħ in-nies iħejju ruħhom għad-dinja l-oħra għax ma jafux jekk jintradmux ma' tul il-lejl jew jekk jitbiċċrux bil-balal ma' tul il-jum; biża' ma jaqta' xejn u qirda nieżla bla hedu mis-sema; qagħda bħal din messha rażżnithom il-Maltin, iżda dawk in-nies għandhom qalbhom qawwija iżjed mill-blat li jidħlu fih waqt l-*"air raids"* !

Hawn qamet ħamba kbira; kull min kien fis-sala qam igħajjat u jfaħħar il-Malta u jċapċap idejh kemm jiflaħ hekk li l-għagħa għatta l-amplifajjer tar-radju u għal ftit tal-ħin dak li kien jitkellem kellu jiskot.

Mita reġgħet waqgħet xi ftit tal-ħemda l-oratur żied igħid: "M'hux ta' b'xejn li r-Re Ġorġ, fost l-Imperu Ingliż kollu għażel iċ-ċkejkna Gżira ta' Malta bħala l-ewwel art biex jagħniha u jżejjinha bil-*George Cross*; dik il-Gżira hija għelm ta' l-akbar ħila, xempju ta' l-aqwa qlubija u mera ta' l-ogħla ġieħ u bil-ħaqq kollu jistħoqqilha tkun imsebbħa għal kull ma batiet u għal kull ma ġarrbet f'din il-gwerra ħarxa."

Malli dak li kien jitkellem waqaf, raġa' nstama' ċapċip kbir li dam sejjer qatigħ, imbagħad qam oratur ieħor li beda jsemmi fuq l-eżempju tal-għaġeb li Malta tat lid-dinja kollha, eżempju ta' fehma sħiħa u ta' rieda qawwija. Malta qatt ma mejlet rasha m'inkejja tal-ħruxija kiefra tal-għadu u kieku pajjiżi oħra għamlu bħalha sal-lum il-għadu ħareġ tellief u mirbuħ.

Imbagħad tkellmu oħrajn u kollha semmew fuq it-tbatija li ġarrbet Malta u fuq il-qawwa tal-għaġeb li wriet dik il-Gżira li saħħret id-dinja, urew il-għawġ u t-tbatijiet tal-Maltin li min jeddhom barrew kull kumdità tal-ħajja u għażlu li jibqgħu neqsin minn ħafna ħwejjeġ, iżda qatt ma mejlu ras hom u qatt ma ħallew il-biża' jagħmel bihom. F'Malta l-lum ma baqax ċajt u ħejm u ħlewwiet, saħansitra l-Maltin huma neqsin mil-ħtiġijiet tal-ħajja u mqar biex imorru għax-xogħol ta' kuljum, ikollhom jimxu biċċa sewwa ħtija tan-nuqqas tal-petrol, iżda huma għażlu li jitqabdu sakemm jaraw il-għadu mħarbat u mxejjen.

Hawnhekk ħadd ma felaħ iżomm aktar, u kulħadd infexx f'għajat u ċapċip li jitarrax. Dom Atty li kien baqa' miġbur fih innifsu jisma' t-tifħir fuq ħutu l-Maltin u fuq art twelidu ħass bħal mistħija tħammarlu wiċċu u bħal sogħba tkiddlu

qalbu talli hu kien nesa dmirijietu lejn niesu u lejn pajjiżu; mitt darba kien sa joħroġ mis-sala għax sħ jjel li dawk in-nies kollha hemm miġbura kienu qegħdin jagħrfuh bħala Malti u kienu jlumuh għall-imġiba ħażina tiegħu, iżda kull darba l-isem ta' Malta kien iżommu marbut bil-qiegħda fejn kien, hu ħass ruħu jitqgħxxaq jisma' fuq ħilet niesu u fuq irġulithom, xtaq sata' jaqsam magħhom it-tbatijiet u n-niket li waqgħu fuqhom u fawra ta' mħabba f'daqqa waħda messitlu qalbu u saħħritu; ftakar fil-ġrajja ta' ċkunitu, ġieb quddiem għajnejh il-postijiet fejn trabba, qalbu bdiet tferfer, demmu beda jbaqbaq, għajnejh ħmaru u x-xfar tagħhom demmgħu.

* * *

Atty ħareġ mis-sala ħosbien u donnu bniedem mitluf minn sessih, baqa' sejjer qisu ras maqtugħa lejn Seventh Avenue fejn kellu mikrija kamra, daħal mibluh u sieket, iżda malli rifes il-għatba sidt id-dar laqgħetu u qaltlu:

"Fejn kont? Ilek tlitt ijiem ma tidher. Jumejn ilu wasallek telegram; xħettulek fil kamra minn taħt il-bieb."

Atty bil-kemm iżżaħajr lis-Sinjura u baqa' tiela' t-taraġ kiebi u bil-lajma, malli fetaħ il bieb sab fuq il-għatba t-telegram u fetħu bla ħajra ta' xejn, iżda malli qara l-ewwel kelmtejn ħa dehxa kbira, demmu kesaħ, ġismu qam xewk xewk, għafsa ta' qalb żammitlu n-nifs u waqa' borra fuq siġġu; fit-telegramm Atty qara li ommu mietet mirduma mita d-dar tagħha ġġarrfet b'balla tal-għadu.

Għal dik l-aħbar Dom tbikkem, dalma kbira waqgħet quddiem għajnejh u l-ġrajjiet kollha ta' żgħużitu imħarsin mill-għożża u l imħabba ta' ommu għaddew bħal berqa minn moħħu; baqa' ħiemed għal ftit tal-ħin, imbagħad f'daqqa waħda far u għadab, qabditu bħal sfiċċa, qam u beda jdur mal kamra qisu ljun feroċi, wara dan qabdu bħal ferħ ta' ġenn u ħareġ jiġri donnu mherwel u jgħajjat kemm jiflaħ: "Viva Malta! Viva Malta l-Gżira tal-*George Cross!*"

Fit-trieq kull min ra l-Dom Atty għaddej b'dik id-dagħdigħa fuqu waqaf skantat iħares lejh, iżda hu ma qies xejn, baqa' sejjer igħaġġel sakemm sab l-ewwel post fejn jinkitbu s-suldati, daħal dritt u tahom ismu biex jidħol suldat.

Il-Fizzjal li jiġbor in-nies malli għaraf li Atty kien Malti laqgħu b'idejh it tnejn għax kif qal b'leħen għoli biex jisimgħu kulħadd kien ġieh kbir għalihom li jkollhom fosthom wieħed Malti bin il-Gżira tal-*George Cross!*

Ġużè Galea.

# GĦASSA TAL-GĦADU!

Jaqa' d-dlam u skiet isaltan.
Fuq il-lsien ta' blata mtarrfa
f'ħalq id-daħla ta' dil-Gżira,
qamar seksieki jikxef
djar imġarrfa
'l hawn u 'l hinn ma' xtut u tliegħi
imtebbgħin b'xi dell li jwaħħax
f'nofs ta' baħar qisu għadira,
u f'tarf ix-xagħri,
b'rashom għolja
fuq l-ibraġ ta' bini u ġonna,
il-kwartier u l-forti miegħu.
Kollox mitfi: id-dwal li dari
kienu jħaġġu minn mitt tieqa
fuq dik l-għaqba
ta' kull lejla
kif inħbew mill-għajn mixtieqa
minn xi ħajta dawl ta' sliem,
ġewwa l-ħemda, ġewwa s-swied,
għax donnhom l-għira nisslu
fil-kwiekeb tas-smewwiet!

Daqq nofs il-lejl. Il-qamar
donnu dal-ħin il-ħarsa ċassa tiegħu
waqqaf fuq din il-blata.
U biss titkellem miegħu
l-mewġa ċkejkna
tgerger madwar il-plajja
donnha tħoss it-tehdida
ta' xi ħsara li ġejja...
Joħroġ minn taħt ix-xefaq
jiġġerra mas-smewwiet
merżuq ta' dawl jissajja.
U jsaltan għadu s-skiet.
U tisma' biss għaddejja
ma' tul il-bieb tal-forti
l-għassa tħabbat saqajha.

Fil-baħħ tat-toroq minn ġod-djar tisthajjel
tisma' man-nifs tan-nies li nofsha rieqda
it-taħbita ta' qalb.

Hemm ma' ġenb tfajjel
mimdud taħt tieqa Fido l-kelb jistenna
li tqajmu l-għajta ħabbarija ta' ħsara
u mewt fuq din il-Gżira.
Għassa tal-għadu, joħlom, jitħenna
bi dmiru ta' kull lejla,
nofsu rieqed bħan-nies ta' dik il-ħara,
u qalbu ttaqtaq...
Widnejh arah kif waqqaf:
b'għajnejh imbexxqa
hu donnu qed jissamma...
u moħħu sħab sewdieni
ta' ħsibijiet iġamma'.

Minn fuq il-blat ta' taħt is-swar tal-forti
li bena Manoel bejn Ta' Xbiex u l-Gżira
fejn il-fomm tiegħu ta' nar qerriedi rafa'
issa l-kanun, instemgħet it-tisfira.
U rasu qajjem dak il-kelb, intrafa'
fuq riġlejh ta' quddiem,
u raġa' qagħ'd jissamma'...
U malli wara ftit kisret il-ħemda
tal-lejl l-għajta newwieħa
ħabbarija tal-għadu,
Fido, bħal meta kelb tal-liepru jeħles
ta' sidu mil-lġiem,
qabeż mill-art, iferfer denbu, jinbaħ
madwar it-tfajjel biex jqajmu;
u rasu jgħolli 'l fuq, lil sidu jsejjaħ,
u n-nies kollha tad-dar b'għajta nebbieha
tat-għadu riesaq...
U jinbaħ jibqa' jinbaħ
sakemm il-passi jħoss u l-bieb jinfetaħ.
Leħħa ta' berqa
mhix hekk ħafifa daqs il-ġirja tiegħu
għal fuq it-trieq.—Hekk sbejjaħ,
ferħan, fuq ruħu, f'għajnu tleqq il-ħerqa
ta' qalb li tħabbat mat-tferfir ta' denbu,
mal-qabża ta' riġlejh, ċaqliq ta' rasu,
qatt ma deher Fido
daqs dak il-ħin.
Ħadd mhu ferħan daqs Fido għax tajjar nagħsu,
għax ħsiebu u xewqtu ma baqgħux reqdin.

Kienet għadha mas-smewwiet
titkaxkar l-aħħar karba ta' dik l-għajta

li ħabbret l-għadu riesaq
lejn dawn il-plajjiet.
Kienet għadha xi nies bilkemm fetħet għajnejha,
u kienet għadha taħkem
il-ħemda ta' bil-lejl miksura minn ħoss ċkejken
ta' xi bieba tingħalaq,
ta' xi saqajn imgħaġġla
lejn xi toqba tal-kenn,
meta Fido bla sabar, b'leħġa li ma tafx b'għeja,
bħal żiemel jarmi l-fwar minn ġo mnifsejh
u n-nar minn ġo saqajh
f'ġirja ta' ġenn,
kien dar mat-toroq kollha ta' ġol-plajja,
jiġri u jinbaħ, jiġri u jinbaħ,
bla ma jeħda, bla ma jgħeja,
bla ma jħalli triq jew dar
rieqda wrajh.
U jieqaf biss meta man-nebħa tiegħu
ma jwieġeb ebda ħoss minn triq jew dar;
jieqaf u jinbaħ biex donnu jċaqlaq
minn nagħsu lil min tnikker
U l-qamar b'għajnejh ċassi jieqaf miegħu
jħares u jissajja
għax mal-ġirja ta' Fido dik il-lejla
kien hemm marbuta ta' xi nies il-ħajja !

Ġewwa ħofra tal-blat fejn hemm jistkennu
mill-qilla tan-nirien tal-għadu fl-ajru,
tfal, żgħażagħ, xjuħ,
bin-ngħas, għajjiena;
x'uħud bil-bard itertru jew bil-biża',
wiċċhom mitruħ,
oħrajn imrekkna lejl u nhar għażżiena,
oħrajn b'ħarsa musfara
f'għajnejhom l-għabex
taż-żmien ikraħ tal-lum
inemnem bl-aħħar xrara.
hemmek ġo dik il-ħofra
Fido ma' ġenb iċ-ċkejken
sidu jinsab ukoll mixħut b'għajnejh imbexxqa,
jitqalleb 'l hawn u 'l hinn itajjar nagħsu
bħal meta xi dubbiena
ikeċċi minn fuq rasu,
fil-waqt li f'dik il-ħemda
miksura minn żanżin ta' mirkeb fl-ajru

riesaq mill-bogħ'd,
ma tismax ħlief tpespis ma' xi tnehida
ta' nies b'xofftejn għajjiena.
Tkarwit ta' ragħ'd fil-bogħ'd, imbagħ'd bħal ħsejjes
ta' roti jreddnu fis-smewwiet mudlama,
resqin dejjem resqin
minn fuq l-għoli ta' djar, ta' swar u knejjes
waqqgħu fi skiet lil kull minn ċaqlaq fommu;
u ma nstemgħetx ħlief il-qalb tagħhom tħabbat,
u kesaħ demmhom, trekknu f'qiegħ il-ħofra,
u ħarsu b'wiċċ xulxin u b'xulxin twennsu,
bir-rogħda fuq xufftejhom,
meta bħal ħoss ta' bieba tal-ħadid tissabbat,
wara tvenvina ta' riħ, wara tisfira,
ħasad sad-dawl tax-xema'
li kien jikser bilkemm il-waħx tad-dalma:
tfaqqiegħa ta' ħaġar ta' l-azzar mill-ajru
li riegħdet taħt riġlejhom
il-blat ta' dik il-ħofra,
u qalbhom ħasset tal mewt l-ewwel tixjira!

Bħal donnu ma jistax isib is-sabar,
u l-mistrieħ tiegħu, qajjem rasu Fido,
wieqaf b'saqajh ta' quddiem jissamma'
b'għajnejh ħosbiena.
Ilsna ta' nar mill-art bi tfaqqigħ qawwi
minn hawn minn hinn
fl-erbat irjieħ tal-Gżira:
dwal jiġru mas-smewwiet, kwiekeb jittawlu,
żanżin ta'. mitt raddiena
jitbiegħdu fl-ajru...
joħlom il-moħħ dak il-ħin tal-biża'
li donnu ma jridx igħaddi;
x'ħin maż-żerniq f'daqqa waħda waqgħet
firxa ta' skiet,
imbagħ'd żarżret mix-xefaq'
ħamrani l-għajta sħiħa
kollha ferrieħa
bl-aħbar li l-għadu telaq...
U Fido qam ferħan iferfer denbu,
jinbaħ u jaqbeż
mas-sieq ta' sidu ċ-ċkejken
li mgeżwer fl-għata ta' bil-lejl mat-tajfa
tal-mistkennija
ħareġ minn dik il-ħofra

b'wiċċ it-tbatija,
b'għajnejn imbexxqa
lejn ix-xefaq minn fejn is-sħaba kerha
ta' xita kollha semm
dlonk titla' fuq din l-art;
b'wiċċ il-moħqrija,
b'għajnejn imċajpra
għad-dawl ta' sebħ imsaħħab lewn id-demm.

Kienet għodwa ta' sebħ mil-lewn id-dmija
meta mimdud taħt ħajt għax-xmejxa fietla
tal-ħarifa jitniegħes wara sahra
twila kien Fido,
u sidu ċ-ċkejken lil hinn minnu
minn wiċċu jarmi d-dija
ta' ferħ bla hjiena,
bla ħsieb tal-kruha
taż-żminijiet, tar-rgħiba u qerq ta' xi nies ħżiena,
b'qalbu safja minn kull ġibda,
ma' ħadd marbuta ħlief mal-qalb ta' Fido,
jitbahrad kien ma' sħabu x'ħin bħal vleġġa
għadda jeħġem it-trieq
karru bi ħsejjes kbar ta' makna twaħħax
fil-waqt li t-tifel fl-aqwa telfa u ħeġġa
ta' logħba jiġri wara sieħbu qasam
it-trieq b'għajnejh magħluqa ..
Instemgħet tnewwaħ f'daqqa waħda l għajta
ħabbarija tal-għadu riesaq fl-ajru,
u Fido minnufih iċċaqlaq, nagħsu
tajjar u rafa' rasu,
lemaħ lil sidu ċ-ċkejken fil-mogħdija
tal-karru mhedded
mill-mewt u lilu stħajjel
taħt ir-roti mitħun...
Iqum, jieqaf, jaqbeż,
jintafa' fuq it-tfajjel,
jinbaħ u jogħla miegħu
fi żmien ta' kemm tleħħ berqa.
Tkaxkar ma' l-art it-tfajjel,
inbeżaq 'l hinn mir-roti,
ħeles mill-mewt bis-serqa;
iżda l-imsejken Fido,
donnu maħtuf
mid-dwiefer rgħiba ta' xi għul imġewwaħ,
riżqu ħażin, inbala'

inqered ħesrem! Il-karba tiegħu ta' ħniena,
l-aħħar għajta li ħarġet minn qalb Fido,
siltet il-qalb tan-nies ta' dik it-plajja.
Il-mewt ta' Fido saret l-aqwa ġrajja
ta' ħsara u dmugħ.
Tibkih, kull lejla n-nies
meta b'għajnejn għajjiena
qalbha ttaqtaq għalxejn tistenna li tqajjimha
l-għajta ħanina ta' ħabiba Fido;
jibkuh id-djar battala, id-djar imġarrfa
fuq il-blata imtarrfa
fid-daħla ta' dil-Gżira.
Tibkih bil-karba twila
saħansitra s-sirena
meta mal-lejl tħoss l-egħdewwa riesqa
u għalxejn tnewwaħ u tnewwaħ
tistenna li jweġibha leħen Fido,
seħibha ta' bil-lejl:
ta' Fido ma baqax ħlief it-tifkira.
Kulħadd midfun f'degħbien ta' raqda twila;
il-qamar biss imqajjem, b'għajn imberrqa
fuq il-ħerba ta' ġebel
li l-għadam igħatti tal-għassies tal-plajja,
iħares ċass, imbikkem,
fil-waqt li fuq ix-xefaq tleħħ il-berqa.

A. Cremona.

Tas-Sliema, Tignè,
Novembru, 1941.

# META JKUN MIKTUB

Il-qaddejja daħħlet it-te, qegħditu fuq mwejda bir-roti u ħarġet mill-kamra bla ma ħarset lejn ħadd.

Hemm ġew kien hemm is-Sa Ġul, li kienet qorbot lejn is-sittin tagħha, b'xagħarha rmiedi imma mġiegħed u mimxut tajjeb, u b'dawk għajnejha sħaħ u fuq tagħhom donnhom iridu jgiddbu lil min jitħajjar igħid li hi xiħa. Ħaddejha kienu li jxejħuha xi daqsxejn, għax għad li mlewna mhux ħażin, kienet tidher fihom xi tikmixa qawwija, xhieda ta' kemm-il rebbiegħa kienet għaddiet minn fuqhom.[1]

Quddiem is-Sa Ġul kien hemm bil-qiegħda xbejba donnha farfett, ilventa u misluta sabiħ, xbieha ħajja tal-ġmiel u s-saħħa mżewġin flimkien.

"Fraħt wisq li rajtek il-lum," kienet qiegħda tgħid is-Sa Ġul. "Nifhem jien, ilek nieqsa għaxar snin minn hawn, hux hekk?"

"Minn meta morna noqogħdu l-belt ma ġejt qatt," wieġbet ix-xbejba. "U, madankollu, ftit stajt niċċaqlaq, għax dawn l-aħħar sitt snin għaddejthom magħluqa l-kulleġġ mas-sorijiet."

"Għadek tiftakru 'l ibni Oreste?"

"Naħseb li jekk narah nagħarfu."

Is-Sa Ġul qamet minn fejn kienet, resqet fuq il-pjanu u ġiebet minn fuqu x-xbieha ta' binha.

"Ara r-ritratt tiegħu, bagħathuli s-sena l-oħra mill-Amerika.

"Mela Oreste kien siefer?"

"Iva... issa ilu nieqes fuq it-tlitt snin. Dejjem kien imħajjar għas-safar, avolja jien ħassartlu ma nafx kemm. Moħħi fih biss, għax ingħid min jaf ma' min jiltaqa' barra. Jien, għalija, aktar xtaqtu kieku qabad tarf ta' negozju hawn Malta u nġabar ma' waħda bħalek li nafu min hi."

Għal dawn il-kelmiet wiċċ ix-xbejba ħmar f'daqqa u għajnejha bil-mistħija ħarbu l-ħarsa tas-Sa Ġul. Imbagħad, tat daqqa ta' għajn mill-ġdid lir-ritratt taż-żagħżugħ, u bla ma qalet kelma, dehret li x-xewqa tax-xiħa kienet għoġbitha.

Is-Sa Ġul, li kienet waqqgħet il-kliem fuq binha apposta, tbissmet u marret tqiegħed ir-ritratt ta' Oreste f'loku. Meta reġgħet qagħdet ħaddnet bejn dirgħajha lix-xbejba u rassitha magħha.

Sadattant kienu ħadu t-te, u dawru kliemhom fuq ħwejjeġ oħra. Qabel ma dalam, iż-żewġ nisa nfirdu minn xulxin, wara li x-xebba wiegħdet lis-Sa Ġul li ma ddumx ma terġa' tmur taraha.

. . . . . . . . .

Kien ħin it-te, xi għaxart ijiem wara l-laqgħa tas-Sa Ġul ma' Ġemma, u l-qaddejja, kif kienet id-drawwa, ġiebet it-te u telqet.

Is-Sa Ġul kienet qiegħda żżejjen il-kamra bil-ward li kien għadu kemm qatgħelha Peppi l-ġennien, u tagħti xi titwila 'l barra lejn l-egħlieqi u l-ġonna li kienu jdawru l-villa tagħha.

Ir-rebbiegħa kienet għadha fil-bidu: mat-tpespis imgegweġ ta' l-agħsafar kien qed jitħallat id-daqq ħlejju ta' ragħaj żagħżugħ, li b'ħeffa kbira kien jidher jilgħab b'subgħajh fuq it-tqajbiet tal-flejguta li kellu ma' fommu. L-egħlieqi, imnaqqxin bl-aħdar, bl-isfar, bl-aħmar u b'tiżwiq ta' lwien oħra, kienu jistiednu lill-aħħar imrieżaq fietla tax-xemx biex jithennew magħhom fil-ħajja qasira, imma sabiħa, tar-rebbiegħa.

Kollox kien jistieden għall-hena, u s-Sa Ġul, bla ma taf il-għala, ħasset qalbha timtela bil-ferħ ukoll.

Minn tarf it-trieq li kienet tagħti għall-villa,lemħet riesqa l-karozza tagħha miġbuda minn żewġ żwiemel. Kienet għadha l-bogħod, imma għajnejn is-Sa Ġul kienu jwasslu u hi għarfitha l-karozza tagħha. Ċenċlet qanpiena u resqet quddiem tieqa wiesgħa, kollha żġieġ, u qagħdet tħares lejn il-karozza riesqa.

Kif daħlet il-qaddejja fil-kamra, "Marija, dik mhix il-karozza tagħna?" staqsiet is-Sa Ġul.

"Iva, sinjura, dik tiegħek," wieġbet minn taħt il-lsien il-qaddejja.

"Għalfejn ħarġet la jiena ma ordnajthiex?" reġgħet staqsiet is-Sa Ġul.

"Ma nafx ingħidlek, sinjura; imma xi siegħa ilu ċempel it-telefonn, u min tkellem ma riedx li nqabbduh miegħek, ried ikellem lill-kuċċier. Kellmu Karmenu, u malli għalaq it-telefonn, rama l-karozza malajr u telaq jiġri 'l barra bħal maħrub."

Il-ħsejjes taż-żwiemel kienu jinħassu qrib, u ftit wara l-karozza għaddiet mir-rixtellu tal-ġnien u baqgħet sejra tieqaf f'tarf it-taraġ ta' quddiem il-bieb il-kbir tal-villa.

Is Sa Ġul inħbiet wara waħda mill-kolonni tat-tieqa biex ma turix ruħha, u qagħdet tisenna min sa jitfaċċa.

Karmenu, il-kuċċier, qabeż minn fuq l-istaffa, neħħa t-tomna minn rasu u fetaħ il-bieba tal-karozza. Niżel minnha żagħżugħ ta' xi ħamsa u għoxrin sena, twil, mibni b'saffejn u ħafif qisu vleġġa. Ta daqqa ta' għajn lejn il-villa, bħallikieku biex jaraha kollha f'daqqa, imbagħad tela' t-taraġ tlieta tlieta u baqa' dieħel ġewwa.

Is-Sa Ġul ma felħitx tiċċaqlaq minn fejn kienet: ma' ħaddejha dehru jilmaw żewġ demgħat ta' ferħ.

Mill-kmamar ta' barra nstama' min isejjaħ: Mamà, Mamà, haw' jien!" Wara ftit is-Sa Ġul kienet imgħannqa ma' binha Oreste, merfugħa minnu mill-art, u hu jbusha fuq ġbinha u ħaddejha, u jdur biha mal-kamra kollha.

"Ibni, terġax tħallini mingħajrek," qaltlu b'nifisha maqtugħ is-Sa Ġul kif intelqu t-tnejn fuq sufan.

"Issa noqgħod mieghek xahrejn, u fuq hekk nilħqu nitkellmu u niftiehmu sewwa."

Tħaddtu fuq l-Amerika, fuq ix-xogħol li għamel u dwar il-ħajja fi bliet kbar, iżda l-aktar li riedet titkellem is-Sa Ġul kien fuq Ġemma: hi ma xtaqetx li binha jerġa' jsiefer qabel ma jkun iżżewweġ, biex b'riħet hekk tarah miġbur u sserraħ moħħha. Imma kull meta kienet sa taqbad ittarraflu xi ħaġa fuq Ġemma, kienet tħossha tistħi minn binha, u fl-aħħar qatgħet li l-aħjar ħaġa li tagħmel kienet li tistieden lil Ġemma għandha u b'hekk tlaqqa' ż-żewġ żgħażagħ bla thejjija xejn.

Erbat ijiem wara l-wasla ta' Oreste mill-Amerika, kien hemm Ġemma tiekol għand is-Sa Ġul. Minn ras il-mejda, ix-xiħa kienet issa tagħti daqqa ta' għajn lejn binha, u issa lejn ix-xebba, titbissem għal kull ħarsa misruqa li kienet tilmaħhom jagħtu 'l xulxin, u tqawwi qalbha li dak li ħolmot kien sa jirnexxi.

Wara nofs in-nhar, is-Sa Ġul daħlet bħas-soltu timtedd f'kamritha, waqt li Karmenu rama l-karozza biex joħroġ lil Ġemma u 'l Oreste jagħmlu dawra.

Sakemm kienu għadhom rekbin, iż-żewġ żgħażagħ ma qalux għoxrin kelma bejniethom: it-tnejn riedu kieku jaqbdu jitħaddtu, iżda donnhom ma sabux xi jgħidu.

Karmenu, ta' xiħ u moħħu jilħaqlu, f'ħin wieħed ġibed ir-riedni u waqqaf iż-żwiemel. Dar fuq Oreste u qallu :

"Jekk tixtiequ tagħmlu passejn, din il-mogħdija twassalkom sa wied sabiħ ħafna."

"Trid timxi? ' staqsa Oreste lil Ġemma.

"Nimxu," wieġbet hi.

Niżlu mill-karozza u qabdu neżlin niżla wieqfa, qalb ġebel u siġar għoljin. Kultant Oreste kien jixxabbat b'id waħda ma' xi zokk u bl-oħra jwieżen lil Ġemma biex ma taqax. Hi kienet tagħtih idejha bil-ferħa, u meta tħosshom fil-għafsa ta' idejh, kienet taqbadha tferħira f'qalbha u tibda tirtogħod daqskieku kien il-bard.

In-naħa t'isfel tal-wilġa kienet miżgħuda bin-narċis u b'ward ieħor li jikber hemmhekk mingħajr ma jieħu ħsiebu ħadd. It-tiżwiq ta' bosta lwien għoġobha lil Ġemma, u kienet sa titlaq tiġri biex taqta' ftit fjuri; iżda kif tat l-ewwel pass, ilwiet riġel wieħed ma' ġebla u ntelqet fl-art mugħugħa.

Oreste għenha tqum bil-wieqfa, imma hi ma setgħetx tieqaf u timxi. Ħtieġlu, għalhekk, jerfagħha mill-art, mexa biha sa fuq roqgħa ħaxix, qegħidha hemm bil-qiegħda, u

"Fejn weġġajt? ' staqsieha.

"Taħt il-għaksa," weġbitu Ġemma, waqt li bdiet tgiddem xofftejha bl-uġigħ.

Oreste ħareġ maktur minn butu, xarrbu għasra f'nixxiegħa li kienet tfawwar mill-blat, u rabtu tajjeb ma' fejn Ġemma kienet qaltlu li weġġgħet.

Meta ntasab ma' ġenbha, Oreste dawwar driegħu l-lemin ma' dahar ix-xbejba u ħaddanha miegħu minn kitfejha. Ġemma ma tħarrketx u lanqas inġibdet minnu, biss għajnejha tbaxxew lejn l-art u qalbha ħabbtet imgħaġġla. Oreste ma kellu l-ebda ħsieb ta' żwieġ ma' Ġemma, imma hi f'dak il-ħin kienet diġà bdiet toħlom ħajja ta' mħabba u hena f'għaqda għal dejjiem maż-żagħżugħ ta' ħdejha. U Oreste semma fuq il-logħob ta' flimkien ta' tfulithom, iżda xejn fuq l-imħabba; anzi, meta tkellem fuq l-Amerika u n-nies li ltaqa' magħhom hemmhekk, taha x'tifhem li ma kienx imħajjar jiżżewweġ ma' maltija.

. . . . . . . . .

Għaddew ix-xahrejn li Oreste kellu jgħaddi Malta, xahrejn li fihom qatta' kemm-il nofs ta' nhar ma' Ġemma, u issa kien wasal iż-żmien biex jitlaq lura lejn l-Amerika. Lil ommu kien qatgħelha qalbha li jgħix u jiżżewweġ Malta, u lil Ġemma, għalkemm urieha dejjem qima kbira u kien jaf

li saħħarha għalih, qallha li kien laħaq ħabb xebba amerikana u li ma riedx jonqos minn kelmtu magħha.

Sakemm jasal lura l-Amerika, Oreste xtaq jibda jaħseb mill-ġdid fl-amerikana tiegħu, ta' xagħarha ħamrani u għajn ejha żoroq, li kienet ġennitu wrajha u neffqitu bosta flus; imma kull darba kienet tfeġġ quddiem għajnejh ix-xbejba maltija li kien ilu jaf minn tfulitu, b'xagħarha qastni u b'għajnejha tuta, li għad li ma wrieha qatt imħabba, kienet saret tħobbu mill-iżjed. U kull meta kien jittanta jaħseb fuq xi ħaġa sabiħa u tajba li għamlitlu l-amerikana, kien jiftakar f'ħafna affarijiet isbaħ u itjeb li sabhom f'Ġemma. Intebah —issa li kien f'nofs l-Atlantiku qiegħed iqarreb lejn kontinent bgħid minn pajjiżu—li qalbu bdiet tħobb lix-xbejba maltija. Ir-raġuni, madankollu, fehmitu li hu kien laħaq ta kelmtu lil waħda oħra u ma kienx jixraq li jikser il-wegħda ta' żwieġ li kien għamel; fuq kollox, lil Ġemma sata' jqisha għalih bħala ħolma sabiħa li tintesa hekk kif jiltaqa' ma' Doris ta' qalbu.

B'din il-fehma f'moħħu, l-ewwel ħaġa li għamel malli wasal fil-pajjiż fejn kienet tgħammar il-maħbuba tiegħu, kienet li jmur isibha f'darha biex jagħtiha l-bxara li issa kien magħha għal dejjem.

Ċenċel il-qanpiena tad-dar fejn kienet toqgħod u qagħad jistennieha tiftaħlu; iżda minflokha dehret mara xiħa. Oreste qala' l-kappell minn rasu u staqsieha:

"Jekk jogħġbok, Miss Rogers hawn qiegħda ?"

"Miss Rogers ilha li telqet xahar minn hawn," weġbitu x-xiħa.

Oreste iżżieha ħajr, sellmilha u telaq lejn daru. Kien żgur li meta jasal isib xi ittra li tgħidlu fejn marret toqgħod. U hekk kien. Malli wasal fil-bieb tal-bini fejn kien igħammar hu, laqgħu bil-ferħa l-purtinar, qallu li kien għadu kemm tellagħlu l-bagolli fil-kmamar tiegħu, u li kellu ittra kienet ilha li waslet xi erba' ġimgħat. Oreste fittex ħa l-ittra f'idejh, fetaħha, sab li kienet minn għand Doris, u beda jaqra :

*Għażiż Oreste,*

*Niżżik ħajr ta' kemm għamilt miegħi u ta' l-imħabba kbira li wrejtni dejjem, imma issa nitolbok biex ma tfittixnix iżjed għaliex il-bieraħ iżżewwiġt u sa nsiefer il-lejla. Nittama li ma teħodhiex bi kbira dil-bxara tiegħi: nisa għad fadal ħafna fid-dinja, u għalhekk aħna n-nisa mgħaġġlin biex niżżewġu.*

*Nixtieqek li darb'oħra jkollok riżqek tajjeb.*

*Saħħa għal dejjem,*

*DORIS.*

Oreste sab ruħu waħdu: kien tbiegħed minn ommu u minn dik li ħabbitu, biex isib li dik li ħabb kienet bidlitu u żżewġet ma' ieħor. Ftakar f'kemm kienet ħajritu ommu jibqa' Malta, u fit-tjubija ta' Gemma

Qabel ma laħaq tela' fuq, qal lill-purtinar iniżżillu l-bagolli mill-ġdid, sejjaħ *taxi* u reġa' lura għall-istazzjon.

Għal darb'oħra, is-Sa Ġul ħadet id-dehxa li ssib lil Oreste quddiemha mingħajr ma kienet qiegħda tistennieh.

"Mamà," qal Oreste 'l ommu, "deherli li aħjar nisma' minnek u niġi ngħix miegħek hawnhekk."

Is-Sa Ġul bieset 'il binha għal darba tnejn, u mbagħad telqet tiġri ċċempel telefonn.

L-għada fil-għodu, għand is-Sa Ġul waslet Ġemma, ferħana sa ttir li ltaqgħet mill-ġdid ma' Oreste

Wara l-ikel, Karmenu rama l-karozza u ħa liż-żewġ żgħażagħ għal dawra. Meta waslu qrib ta' wied jixbaħ lil dak li kien saqhom ħdejh darb'oħra, il-kuċċier, bi tbissima li biha ried ifisser ħafna, staqsiehom:

"Tridux tiġru ġirja qalb il-ħdura?"

Ġemma u Oreste ħarsu lejn xulxin, infexxew jidħku u qabżu barra mill-karozza.

Meta kienu neżlin mal-għolja, Oreste qabad lil Gemma minn qaddha u staqsieha:

"Mhux aħjar inżommok mill-ewwel, li ma tilwix riġlek bħad-darba l-oħra?"

Ġemma la wieġbet iva u lanqas le, u baqgħu neżlin hekk sa ma waslu fil-wied Hemm isfel intasbu fuq il-ħaxix, qatgħu l-lellux u qagħdu jitkellmu fis-skiet ta' dak il-post

Kien il-għabex, u Karmenu ħa ħsieb iż-żgħażagħ li kellu miegħu; telaq il-karozza f'ġenb tat-trieq u niżel igħaġġel mal-għolja biex isibhom. Sakemm wasal f'qiegħ il-wied qrib Ġemma u Oreste kellu nifsu maqtugħ; imma qabel ma kellimhom, ħaxwex ftit qalb il-weraq taparsi kien għadu riesaq, biex tahom żmien iwarrbu xofftejhom mill-bewsa ta' mħabba li kienu qegħdin jagħtu 'l xulxin.

VIC. APAP.

# GĦAD TERĠA' TQUM

*B'tifkira tat-tielet anniversarju*
*ta' l-invażjoni tal-Polonja **

Hawn min waqa' w raġa' għall-ħajja,
Hawn min ċkien u raġa' kbir,
Kull min għandu qalb u ħila
Ma jibqax mitrud u lsir.

Dan jixhduh il-ġrajjiet tiegħek
Tul il-medda minn tas-snin;
Hemm id-demm ta' wliedek xhieda,
Hemm il-għożża tal-mejtin

Li, bla lewma, mingħajr kelma,
Laqgħu l-għadu b'ħafna qbid:
Farrku, kissru, qatlu w mietu,
F'ruħhom rieda tal-ħadid.

Ġew waqtiet il-ġmiel ta' blietek,
Kollha mżejna bl-ogħna djar,
Safa' ħerba taħt il-qilla
Tat-taqtigħ, il-ġlied, u n-nar.

Ġew waqtiet—waqtiet imwiegħra—
Sfajt titniehed fit-tiġrib·
Kollox mar: imħabba w ħniena,
Fik kien jaħkem it-taqlib.

'Ma jgħidulna: fuq dil-qerda
Erġajt bnejt kollox sabiħ,
Irfidt jeddek u fdejt ġieħek,
Dak il-ġieħ li mitt għalih.

U dak l-isem li serqulek,
Mill-ġdid ħadtu kif xtaqt int;
Bla mittiesef erġajt ksibtu
Kif kont tlabt, kif kont emmint.

Art sabiħa, art ta' ġrajja,
L-għajb itebbgħek la tħallix.
Żomm fuq ruħek, m'intx beżżiegħa,
M'intix ġiefja, le, mintix!

---

* Just as the dawn was breaking on September 1, a wave of German aeroplanes suddenly appeared above Katowice and discharged a hail of bombs on the half-wakened city.

Għamilt żmien kont tgħix fil-hena,
Kien fik għaxqa s-sliem tistgħall:
Int kont bieżla, fix-xogħol tħabrek,
U fil-ferħ il-qalb tinħall.

Resaq bniedem, "ħabib" tiegħek,
L'int kont tħobb u b'qalbek tqim,
Miegħu ftehmt li fis-sliem tgħixu,
Int kont fraħt b'dan il-ftehim.

'Ma, qarrieqi, f'daqqa waħda,
Minn "ħabib" sar għadu kbir;
Ma żammx kelmtu, kiser wegħdtu,
Bdiet ħajj'oħra ta' taqdir.

U ma' l-amar ġrew uliedek,
Fehma waħda, qalbenin:
Int għallimthom kif għal arthom
Il-mewt jilqgħu ferħanin.

Rebħu l-għadu kemm-il darba,
Żammewh bgħid għal bosta jiem,
Imma l-kotra fl-aħħar għelbet,
Ħassejt lejk riesaq it-tmiem.

Issa hemm qiegħda: mewt u ħerba,
Issa hemm qiegħda: ħsara w hemm
Il-barrani ħakkiem tiegħek,
'Ma b'daqshekk qatt ma tintemm.

Hawn min waqa' w raġa' għall-ħajja,
Hawn min ċkien u raġa' kbir,
Kull min għandu qalb u ħila,
Ma jibqax mitrud u lsir.

Tibża' xejn, għax qawwiet oħra
Qed jissieltu mħabba fik;
Għad, min rebħek, fl-art jitmiegħek,
Togħla w tikber iħallik.

Hu qarrieq: bil-qerq jistagħna;
Kelma jwiegħed: ma jżommhiex;
Hu ħalliel: u bosta seraq;
Art fir-riżq ma jaħmilhiex.

Għad imut: it-telfa tiegħu
Tagħti lilek ħaqq u rebħ.
Għax fejn tidħol l-Ingilterra
Hemm ħelsien u dawl u sebħ.

Dik art kbira, ibqa' magħha!
Dik nixxiegħa ta' kull ġieħ;
Minnha l-ħajja terġa' tħassel,
Tiftaħ toroq ta' mistrieħ.

Xi trid iżjed? Kbira w sbejħa
Mill-imwiet għad terġa' tqum,
Ma tibqax, kif int, imjassra,
Ma jibqax ġmielek mirdum.

Taħt ix-xemx li taf kull ġrajja,
Għad rebbieħa tqum maż-żmien,
Għax fejn hemm l-għaqda wis-saħħa
Hemm ir-rebħ, hemm il-ħelsien.

ĠUŻÈ CHETCUTI

L-1 ta' Settembru, 1942.

## QUOTIDIE MORIOR

Filgħaxija, meta nidħol fid-daqsxejn ta' sodda tiegħi, u bil-mod nitwal fil-lożor tal-għażel, ftit u xejn mikduda, li l-imsejkna ta' ommi kienet nisġitli b'idejha stess—kemm żmien ilu!—jidhirli, fit-tkexkixa li nħoss, li jkun wasal it-tmiem ta' ħajti u jien stess nimtedd ġos-sodda bħal ġo tebut ħiemed, tad-daqs sewwa tiegħi.

Imbagħad, meta nagħmel, bl-ilma mbierek, is-salib fuq ġbini, hekk nitlob 'l Alla l-imbierek: "Ilqa', o Mulej, ir-ruħ tiegħi f'idejk tal-ħniena, u la tħallix l-hemm tad-deni imissni, iżda, bil-ħniena tiegħek, għatti l-ħtijiet ħfief ta' midneb niedem. Ħarisni, o Mulej, bħal ħabba tal-għajn u biġġilni taħt ġwenħajk il-għaqlin."

Iżda, kull filgħodu; mas-sebħ meta jidden is-serduk, għalija jiġġedded l-miraklu li darba dawwal id-dar ta' Betanja*

* Jiġifieri meta Sidna Gesù Kristu rxoxta 'l Lażżru

għax kull fil-għodu malli tfiġġ ix-xemx, hemm dejjem il-Mulej li jsejjaħ lil ġismi: "B'amar Tiegħi, isa, qum!" u jmissni b'mod tal-għaġeb. Ġismi, wara li jkeċċi d-dalma tan-ngħas, iqum isbaħ mis-susan imbewwes mix-xemx. Hekk kull filgħodu, inbierek mill-ġdid il-Mulej tal-ġid li jroddli u narġa' għad-difa tal-jum, għall-ħlewwa ta' l-art, fost id-deheb tax-xemx u t-tbissim tal-ħlejjaq li jgħixu, iħobbu u jifirħu f'dik il-ġilwa tas-sebħ.

Iżda, għandu jiġi jum meta l-Mulej jinsa li jreġġagħni għall-ħajja: dak ikun l-ħin tal-mewt tassew, li minnha ebda maħluq ma jista' jeħles, qabel jew wara. Imbagħad, xi ruħ twajba, tagħlaqli għajnejja waħxin, fid-dawl nieqes ta' nżul ix-xemx, iġġorni lejn iz-zuntier b'xi ftit tat-talb, fost il-leħen kiebi tal-qniepen; — u ġismi jinżel għal dejjem (x'int titbażża' msejkna qalbi?) fi ħdan l-art u fuq qabri, fejn ġismi jdewwed fid-dalma, tinbet aktarx xi warda jew xi ħaxixa.

Iżda jien naf tajjeb, o Mulej, u norbot fuq kelmtek li ma tqarraqx, illi dak iż-żmien inkun bħala qamħa żgħira li tintradam taħt l-art biex tmut, imbagħad il-quddiem tiftaħ u ssir sbula safranija u mimlija.

Naf tajjeb li ġismi jibqa' hemm sa meta t-tromba ta' l-Anġlu b'leħen li jidwi ma kullimkien, igħajjatli biex jiddi, mżejjen bl-innoċenza ta' qabel, fit-tlellix tas-smewwiet, u l-iġsma tat-tajbin inawru bħas-susan fil-Belt tal-Mulej: għax Int, o Mulej, għedtu illi l-ġisem, miżrugħ fit-taħsir, jarġa' jqum fil-glorja u jqum mdawwal f'dak iż-żerniq safi tas-Sema.

Dan iġagħalni nħoss aktar ħelu il-ħin ta' fil-għaxija meta nidħol fis-sodda, bejn il-lożor tal-għażel, daqsxejn mikduda, li l-imsejkna ommi, kienet nisġitli b'idejha stess (kemm żmien ilu!) fil-waqt li naħseb kull lejla illi dak huwa t-tebut ħiemed tad-daqs sewwa tiegħi.

C. M. De Caro

Awissu, 1942

# BIBLJOGRAFIJA

"*The Maltese Language — In Search of a Method*" Fr. Seraphim M. Zarb O.P., fix-"Scientia". Vol. VIII. No. 2 --April—June, 1942.

F'dan l-artiklu fuq il-Lsien Malti Patri Ser Zarb wera li bi ħsiebu jfassal metodu li bih wieħed jasal biex ikollna studju sħiħ grammatikali u filoloġiku tal-Malti. Dan il-metodu ta' studju xjentifiku tal-Malti kien twebbel bih mill-1925 meta fil-"Malti" ta' l-1926 kien, bħala bidu, kiteb fuq hekk artiklu bil-ħsieb li 'l quddiem jwassa' n-noti tiegħu fuq il-vokabularju, fonetika, ortografija, grammatika u sintassi tal-Malti mxebbhin ma' dawk ta' Ilsna oħra Semitiċi. fosthom l-iktar tal-*Għarbi u djaletti Għarbin moderni.* Hija ħaġa magħrufa minn kull kittieb li studja l-Malti grammatikalment u etimoloġikament, illi l-prinċipji tal-metodu li semma Patri Zarb sew l-ewwel darba f'"Il-Malti" fl-1926 u kemm issa fix-"Scientia" huma hekk elementari li fihom ma hemm xejn ġdid u ssibhom f'kull ktejjeb elementari tal-lingwistika. Minn mindu Patri Zarb kien kiteb fuq hekk l-ewwel artiklu, li baqa' s'issa bla ebda rabta jew tarf, għaddew sbatax-il sena li fihom għal min kien daqsxejn ta' student u trabba' taħt id-dell tal-'Għaqda' dawn il-prinċipji llum huma ħwejjeġ li rabbew l-għanqbut. Ma hemmx għalfejn noqogħdu immieru lil Patri Zarb meta stqarr illi l-kittieba li kitbu fuq il-Malti mhumiex għalenija fil-fehma u fil-kitba tagħhom u li ma hawn'x awtur li jaf xjentifikament il-Malti u li għalhekk Patri Zarb, kif donnu jrid igħid, huwa biss dak il-wieħed! Ngħidu biss li fl-ebda żmien ma kien hawn fostna studjużi tal-Malti li jaqblu bejniethom fuq prinċipji xjentifiċi fondamentali tal-Lsien Malti u fl-ebda żmien il-Malti ma nkiteb b'ċerta sura grammatikali *uniformi* (li bħal f'ilsna oħra tista' ma taqbelx biss ħlief f'xi dettalji) daqs kemm din id-darba u f'hekk, għall-ħajja żagħżugħa li għandha l-kitba Maltija, nistgħu ngħidu li sebqet dik ta' Ilsna oħra meta dawn bdew jinkitbu u l-letteratura tagħhom kienet għadha titrabba.

Ma naqblux f'kollox ma' Patri Zarb fejn igħid: "The Maltese *vocabulary*, *phonetics* and morphology, grammar and *syntax* are definitely semitic" meta band'oħra mbagħad jgħid: "Hence the Maltese language.... is essentially Semitic, although today it bears signs of Latin influences, etc." Naħsbu li wara kollox l-egħluq ta' dawn l-istudji ma jkunx

bħal dak ta' sittax-il sena ilu meta fisser illi skond il-fehma tiegħu, għaż-żmien twil li domna nitkellmu bil-Feniċ u Puniku, tqabblu maż-żmien qasir ta' 200 sena li damu hawnhekk il-Għarab, il-*fond* tal-Malti huwa iżjed Feniċ milli Għarbi, illi jiġifieri l-egħluq ta' dawn l-istudji ikun għallinqas jaqbel mal-prinċipji elementari ta' l-istess artikoli tiegħu, egħluq li jkun iżjed xjentifiku milli sentimentali.

* * *

"*Il-Ħajja ta' San Pawl*" – Imfassla minn S. Gatt fuq l-opra ta' P. Pawl Bottalla, S.J. – "Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù" — Sarrija, Floriana, Malta.

Din il-"Ħajja ta' San Pawl" meħuda minn fuq "La Storia della Vita e della Dottrina del Grande Apostolo S. Paolo" tal-Patri Ġeżwita Bottalla, kienet bdiet tidher fil-"Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù" u mbagħad inġabret fi ktieb ta' 144 faċċata. Imħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra, sew it-traduzzjoni kemm l-istampa ta' dan ix-xogħol kellhom igħaddu minn id għal oħra, u għalhekk, ħlief fil-karta, hemm xi tiżwiq f'dak li hu Malti u tipi.

Bħala Ħajja ta' San Pawl bil-Malti, dan il-ktieb huwa wieħed mill-aħjar għal idejn il-poplu. Il-ktieb jiftaħ b'Daħla, li, milli jidher, kitibha t-traduttur, u b'"Kelmtejn ta' Qabel lill-Qarrej" tal-Prof. P.P. Saydon li bihom fisser bi kriterju fin l-Appostolat ta' San Pawl, imnebbaħ mn'Alla, li hu xejn inqas minn dak ta' l-Appostli ta' Kristu. Il-Malti ta' dan il-ktieb huwa fil-biċċa l-kbira miktub bi stil mexxej, u naħseb li fuq hekk ma jagħmilx għajb lit-test oriġinali. Għal dik li hi ortografija, għażla ta' kliem u frażijiet, jisgħobbina ngħidu li ħtija tal-*fasla ewlenija* ta' l-ewwel id fit-traduzzjoni, li milli jidher ma setgħetx tissewwa mis-Sur Gatt, hemm xi għiltijiet 'l hawn u 'l hinn li jagħtu fil-għajn. Dnub li biċċa xogħol bħal din ma nħadmitx kollha hemm hi minn id waħda. Fl-aħħarnett ta' min jitħassar in-nuqqas ta' Werrej li juri t-taqsim tal-kapitoli, ħaġa li hija wisq meħtieġa għall-qarrej fl-Istorja tal-Ħajja ta' Qaddis li ġera u baħħar ma' nofs id-dinja tal-Ġnus pagani ta' dak iż-żmien, bħalma kien l-Appostlu San Pawl. B'danakollu aħna nifirħu lis-Sur S. Gatt, magħruf bħala wieħed mill-aħjar tradutturi tal-Malti ta' reqqa li ma bħalha għas-sabar li ħa biex itemm xogħol hekk imwiegħer u jgħin fil-ħarġa ta' dan il-ktieb ta' fejda u ta' ġid reliġjuż u letterarju.

# INWISSU

Il-gwerra li ninsabu fiha titlob fost dmirijiet oħra, li nagħmlu ekonomija tal-karta. Mill-aħħar numru ta' "IL-MALTI ma fadlilniex ħlief ftit kopji li qegħdin inżommuhom biex malli nkunu nistgħu nibagħtuhom lill-imseħbin ta' barra minn Malta. Fuq qalbna, għalhekk, ikollna nwissu lil dawk li huma lura fil-ħlas, li jekk ma jħallsux sa l-aħħar ta' Novembru li ġej, ma jkollhomx għalfejn jistennew li jaslil-hom IL-MALTI ta' Diċembru. Mhux għaliex irridu nkunu qalbna iebsa ma' dawn il-ftit, iżda biex minflok ma niġbdu kopji iżjed u naħlu l-karta, inkunu nistgħu nagħtu l-kopji tagħhom lil min hu lest biex iħallas sehmu.

L-AMMINISTRAZZJONI.

Il-kobor tal-Lsien Malti juri l-kobor ta' art twelidna; it-tnejn mexjin lejn il-quċċata ta' l-ogħla ġieħ u ta' l-akbar rebħa.

Jinbiegħ 6d

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wiehed -/6

Dak li hu hlas tar-rivista jinbaghat lil Victor Apap, Villino Schembri, Rabat jew lil K. Buttigieg, Empire Press, Il-Belt. Mal-hlas tinghata l-irċevuta.